KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Għawdex - Malta

**Minuti tas-37 laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Ħamis 18 ta' Ġunju, 2015 u li bdiet fis-6.15 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Is-Sur Philip Vella |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sinjura Frances Galea |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| **Uffiċċjali:** | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| **Ambaxxatur taż-żgħażagħ:** | Is-Sur Eric Gauci |

## 1. QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 p.m. Is-Sindku qal li din il-laqgħa kellu jinbidel il-ħin tagħha minnħabba raġunijiet li ma kienx hemm kontroll fuqhom għaliex żewġ Kunsillieri ma setgħux jattendu fil-5.00 p.m. Il-Kunsillieri konċernati rringrazzjaw lill-Kunsill għal dan l-arranġament fil-ħin.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, nqraw l-Minuti tal-laqgħat preċendenti, Nru. 35 – 8 u l-Minuti tal-laqgħa b'urġenza Nru. 36 – 8, dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill.

## 2. Ittra ta' Direzzjoni - 2014

Is-Segretarju Eżekuttiv kien iċċirkola b'imejl l-ittra ta' direzzjoni u r-risposta għas-sena 2014 lill-Kunsillieri kollha. Il-Kunsill iddiskuta r-risposta għall-ittra ta' direzzjoni 2014 u l-Kunsill qabel li għandu jibgħat ir-risposta dwar il-punti msemmija mill-Uditur. Din ġiet ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv biex tasal fl-iqsar żmien possibli.

## 3. Tiġdid tal-Kuntratti

Perit tal-Kunsill

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt tal-Perit tal-Kunsill (Perit Edward Scerri) wasal biex jekk il-Kunsill irid jista jerġa jġeddu għal sena oħra mill-14.07.2015 sat-13.7.2016. Il-Kunsill qabel li dan il-Kuntratt jiġi mġedded.

Tindif u manutensjoni tal-latrina pubblika fi Triq Sannat

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt tal-servizz tal-indafa u manutensjoni tal-latrina pubblika fi Triq Sannat (Il-Kuntrattur, is-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita) wasal biex jekk il-Kunsill irid jista jerġa jġeddu għal sena oħra mit-22.07.2015 sal-21.07.2016. Il-Kunsill qabel li dan il-Kuntratt jiġi mġedded. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Kuntrattur ta' din il-latrina pubblika talab li jitwaħħlu CCTV's fuq barra ma dawn il-latrini biex ikunu monitored l-ħin kollu minħabba vandaliżmu jew serq li jista jsir minnhom, dan wara li l-Kunsill għamel spejjeż kbar fuq din il-latrina pubblika. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku qal ukoll li għanda tintbgħat ittra lill-kuntrattur biex jiġi ssuġġerit biex fil-ġimgħa tal-festa ma din l-latrina jkun hemm attendant biex nevitaw kull ħsara li tista tiġi mwettqa f'dan il-post għaliex skond il-kuntratt hija responsabilta' tal-kuntrattur jekk isiru xi ħsarat u għal manutensjoni tagħha.

Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana ssuġġerit lill-Kunsill biex issiru CCTV's fl-entraturi kollha tar-raħal jiġifieri dik mill-Munxar fi Triq il-Kalkara tal-Ġir, mix-Xewkija fi Triq tal-Gruwa w ovvjament fi Triq Sannat biex Ta' Sannat kollhu jkun sorveljat u jkun hemm serħan tal-moħħ lir-residenti kollha, biex b'hekk Ta' Sannat ikun monitored minn min daħal u ħareġ fir-raħal. Il-Kunsill għandu jara din l-ispiża kemm ser tiġi tiswa lill-Kunsill.

## 4. Kwotazzjoni – Open Skip kull nhar ta' Sibt

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta 6 envelopes magħluqin bil-kwotazzjonijiet għas-servizz ta' open skip kull nhar ta' Sibt fi Triq Marziena bejn l-10.00 a.m. u nofsinhar. F'din il-kwotazzjoni ġie mitlub li jkun hemm attendant mall-iskip li jitlob l-karta tal-identita' peress li dan is-servizz hu għar-residenti minn Ta' Sannat biss. F'każ li dan l-iskip jimtela' qabel nofsinhar, dan jitneħħa u ma jitpoġġiex ieħor minnfloku. Dawn il-kwotazzjoni mixħuta kienu ta':

| | |
|---|---|
| Victor Hili o.b.o. Road Construction Co. Ltd. | €65.00 |
| Joseph Debrincat | €59.00 |
| Andre' Saliba | €45.75 |
| Joseph Attard | €47.95 |
| Joseph Mercieca | €52.00 |
| MJ Mercieca Brothers | €55.00 |

Il-Kunsill għażel l-irħas kwotazzjoni dik ta' Andre' Saliba bl-ammont ta' €45.75 kull skip u għandu jiġi mitlub biex jibda dan is-servizz mill-ewwel Sibt ta' Lulju li ġej u mportanti li jimxi skond il-kundizzjonijiet tal-kwotazzjoni li jkun hemm attendant miegħu fejn jitlob l-karta tal-identita' biex dan is-servizz jintuża mir-residenti Ta' Sannat biss.

## 5. By Law – Mġarr ix-Xini

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa ż-żmien opportun biex il-Kunsill Lokali Ta' Sannat jkollu By Law dwar attivitajiet li jistgħu jsiru fil-Bajja ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel ma dan u għandu jitlob l-għajuna tal-Avukat tal-Kunsill biex isir dan.

## 6. Materja oħra

1. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu bgħat imejl lill-Inġinier Mario Galea mingħand Galea Curmi Engineering Consultants Ltd., u hu aċċetta biex jattendi għal laqgħa tal-lum biex jispega l-kont ta' konsolenza tal-mechanical and engineering service tal-Ġnien tal-Bidwi, iżda l-Inġienier ma attendiex għal din il-laqgħa.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li reġa nforma lis-Sur Kenneth de Martino biex jattendi għal laqgħa tal-lum, iżda s-Sur de Martino wieġeb li se jkun imsiefer. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li hemm bżonn li ssir laqgħa apposta miegħu bl-Avukat tal-Kunsill flimkien mall-Kunsill biex din il-problema tal-pajp fi Triq il-Kbira tiġi solvuta darba għal dejjem. Il-Kunsill talab li s-Segretarju Eżekuttiv biex jikkordina biex din il-laqgħa ssir.

3. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-proġett tal-istorm water culvert ta' Triq Dun Xand minn Miżura 313 (2nd call) il-Perit tal-Kunsill kien ta stima fuq 25 tappiera tal-ilma meta fil-fatt hemm bżonn 37 tappiera biex l-ilma tax-xita jiġi eliminat possibilment kollu. Il-maġġoranza ta' dawn it-tappieri għadhom ma ġewx installati. Il-Perit qal li wieħed irid jifhem li għal dan hemm ħlas iżjed lill-Kuntrattur li jikkonsisti fi 12 il-tappiera extra bil-prezz ta' €375 bl-ammont ta' €4500 u 37 tappiera miżjuda fil-qies għal prezz ta' €119 b'ammont ta' €4403 (biex dawn jiġu mkabbra). Barra dan is-Sindku ppreżenta stima mill-Perit tal-Kunsill u maqbul mall-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. li qed jgħamel ix-xogħol fl-istess triq dwar id-differenza ta' resurfacing bit-tarmak ta' Triq Dun Xand Aquilina biex din il-wiċċ tat-triq issir kollha u ma ssirx f'biċċiet. Dan wara li l-WSC għaddiet l-mains u s-servizzi tal-ilma miż-żewġ naħat tat-toroq u l-parti tan-nofs kienet ser tibqa b'resurfacing qadim. L-istima ta' din it-triq hi ta €22,038.12ċ, bl-istess rata tal-offerta offruta. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni dwar din l-ispiża fuq dawn ix-xogħolijiet u qal li din mhix inkluża fil-buġit ta' din is-sena u għalhekk il-Kunsill għandu jerfa hu r-responsabilta' u ġibed l-attenzjoni biex il-Kunsill joqgħod ħafna aktar attent minn spejjeż oħra biex dawn ix-xogħolijiet jitħallasu fl-iqsar żmien. Il-Kunsill qabel li dawn ix-xogħolijiet għandhom isiru għal ġid ta' dan il-proġett u l-poplu Ta' Sannat u li hekk jitlob dan l-każ.

4. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu bgħat imejl lill-Ministru għal Għawdex dwar pendenzi ta' materji li ilhom jissemew għal żmien twil, fosthom it-toroq ta minn fejn għada l-pipe line għal ġibjun Ta' Ċenċ, Triq Sannat u Triq Ta' Ċenċ. Il-Kunsilliera Cassar Sultana staqsiet lill-Kunsill fhix wasal il-proċess tat-twessieħ ta' Triq tal-Gruwa u Triq ix-Xewkija. Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li għadna ma rċevejna xejn.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-avviż għall-offerta għas-servizz tal-ġbir ta' skart goff ġie ippublikat u se jgħalaq fis-6 ta' Lulju 2015 f'nofsinhar, dawk tal-offerta għall-fanali tal-Pjazzetta tax-Xelina u l-kwotazzjoni tal-arma Ta' Sannat tal-irħam u granit għal fin-nofs tal-Pjazzetta tax-Xelina (M313) ġew ippublikati wkoll u se jgħalqu

nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju fil-11.00 a.m. Filwaqt li l-avviżi għall-offerta tal-għoti bil-konkos b'impatt ambjentali ta' parti minn Triq Mġarr ix-Xini ġie ppubblikat ukoll u se tgħalaq wkoll nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju 2015 f'nofinhar. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni biex ikun hawn il-preżenza tal-Kunsillieri biex ikun fil-ħin u d-data tal-egħluq.

6. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill li dwar l-Att tal-Liċenzji tal-Kummerċ ġew emendati ir-regolamenti tal-permessi tad-depożitu għall-użu tal-Krejn u makkinarju fil-prezzijiet ta' €10 sa 10m$^2$ jew €15 jekk jaqbes 10m$^2$ għalhekk il-Kunsill beda jipplimenta dawn ir-rati.

7. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill irċieva ittra mingħand Transport Malta dwar Reserved Parking li għalieh applika s-Sur Glenn Frank ta' 86, Triq il-Kbira. Wara li l-Kunsill fehem il-bżonn ta' dan ir-Reserved Parking il-Kunsill qabel ma din it-talba.

8. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu attenda għal laqgħa nteressanti dwar Erasmus+ u ssuġġerixxa lill-Ambaxxatur taż-żgħażagħ biex meta jkun hemm laqgħat interessenti bħal dawn jattendi għalihom.

9. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu attenda għal laqgħa ta' informazzjoni dwar ir-rotot il-ġodda ta' transport pubbliku.

10. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħadd 14 ta' Ġunju 2015 filgħajxija, fil-Bajja ta' Mġarr ix-Xini saret attivita' minn xi turisti barranini u dawn taw lill-Kunsill donazzjoni ta' €500.

11. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fil-Playing field ta' Triq Marziena ġie ordnat biex jitneħħew 2 palmiet mejta oħra li kienu nfettati mill-bumunqar aħmar u li dan ix-xogħol kellu jsir mill-aktar fis kif kien mitlub mid-Dipartiment għar-Regolazzjoni Veterinarja u Saħħa tal-Pjanti - mid-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti. Dan ix-xogħol sar mill-ELC Ltd. għal prezz ta' €424.80ċ.

12. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmaw lill-Kunsill li applikaw għall-laqgħa dwar Europe for Citizens – Active Citizens for Active Climate Protection minn Cirkulari mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u li din il-laqgħa li ser issir f'Tulln, l-Awstrija, kollox ser ikun inkluż u mħallas. Is-Sindku qal li dan isir dejjem jekk jintgħażlu.

13. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Accountant tal-Kunsill infurmatu bit-telefon u anke b'imejl li mhux ser tkun tista tassisti aktar lill-Kunsill Lokali Ta' Sannat, fix-xogħol relatat mall-accounts tal-Kunsill minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex joħroġ offerta apposta għal dan ix-xogħol.

14. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalwaqt l-attivita' tal-pusses tal-Arċipriet il-ġdid, nhar l-20 ta' Lulju 2015, fil-pjazza għandhom jinkrew mowbajl toilets għal-prezz għal ta' €70.80. Il-Kunsill qabel ma dan.

15. Il-Kunsilliera Said issuġġerit lill-Kunsill biex issir ħarġa bit-train f'Għawdex. Il-Kunsill qabel li din issir nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju 2015, fis-7.30 p.m.

**Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali**

Memos tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali

13/2015 dwar Proġetti varati mill-Kunsilli Lokali (dan il-Memo kien indirrizat lill-Kunsilli ta' Malta biss)

14/2015 dwar Nfiq fuq servizzi professjonali - 2014

**7. Ilmenti u Suggerimenti**

1. Ġuża Buttiġieġ ssuġġerit lill-Kunsill biex il-mowbajl toilets jerġgħu jitniżżlu fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini għas-sajf peress li qed tkun frekwentata minn ħafna turisti. Is-Sindku qal li dawn ġa niżlu fil-bajja.

2. Paul Azzopardi ta' Triq Saguna qed jitlob lill-Kunsill biex quddiem id-dar tiegħu ssir bankina ġdida. Il-Kunsill approva li din il-bankina ssir peress li din il-bankina qatt ma saret.

3. Il-Viċi Sindku qalet li ġiet avviċinata minn Spiro Muscat fejn staqsija dwar l-ilment tiegħu dwar il-bankina li għandu quddiem il-garaxx tiegħu fi Triq Paranji. Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol ser isir mill-Kuntrattur wara li jeħles mix-xogħolijiet li għandu bħalissa.

4. Il-Viċi Sindku qalet li ġiet avviċinata minn xi residenti minn Triq Ġerxija li għad hemm xi ħofor f'din it-triq li għandhom bżonn il-patching. Is-Segretarju Eżekuttivi informa lill-Kunsill li f'din it-triq sar patching biss fil-ħofor kbar li kien hemm.

5. Il-Kunsilliera Cassar Sultana reġet semmiet iż-żbir tas-siġar li hemm fi Triq il-Kbira fejn il-farm tal-Merill u li huma ta' periklu għal min ikun għaddej. Il-Kunsill għandu jara min ser jiżbor dawn is-siġar.

**10. Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 p.m., u l-Kunsill iddeċieda li laqgħa oħra ser isir nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju 2015, fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Philip Vella**<br>**Sindku** | **Jason Curmi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |